



Brussell, 12 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8680/26

LIMITE

CORLX 398
CFSP/PESC 595
MAMA 102
COARM 55
FIN 598

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-
Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-
Sirja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 147, 1.6.2013, p.14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2013/255/oj>

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, jenħtieġ li l-entrati għal seba' entitajiet jifhassru mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu aġġornati u emendati l-entrati għal 11-il persuna fiżika f'dik il-lista.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(i) fit-taqsimha "A. Persuni", l-entrati 18, 48, 51, 234, 287, 291, 295, 342, 350, 355 u 358 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"18.	Mohammed (محمد) HAMCHO (حمشو)	Data tat-twelid: 20.5.1966; Passaport Nru 002954347; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, b'interessi fis-setturi tal-inġinerija u l-bini, il-media, l-ospitalità u s-saħħa. Għandu interess finanzjarju u/jew għandu karigi għolja u eżekuttivi f'għadd ta' kumpaniji fis-Sirja, b'mod partikolari Hamsho International, Hamsho Communication, Mhg International, il-proġett Jupiter for Investment and Tourism u Syria Metal Industries. Kellu karigi prominenti fil-komunità kummerċjali fis-Sirja bħala s-segretarju ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Damasku, il-president taç-China-Syria Bilateral Business Councils u l-president tas-Syrian Metal and Steel Council.	27.1.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Għandu relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib ma' figuri ewlenin tal-eks reġim ta' al-Assad, inkluż Maher al-Assad.</p> <p>Minħabba r-rwol prominenti tiegħu u r-rabtiet tiegħu mill-qrib mal-eks reġim ta' al-Assad, u l-interessi kummerċjali u l-bażi tal-assi sostanzjali li għandu, huwa għadu jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jipprovdu appoġġ, u huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw minn dak ir-reġim u jiprovdu appoġġ..</p>	
48.	Samir HASSAN (سمير حسن)	Data tat-twelid: 10.8.1953; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Għandu interessi u/jew influwenza sinifikanti f'Amir Group u Cham Holding, żewġ konglomerati b'interessi fis-setturi tal-proprjetà, it-turiżmu, it-trasport u l-finanzi. Huwa l-President tas-Syria-Russia Business Council u jaqdi rwol sinifikanti fir-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Federazzjoni Russa permezz tas-Syria-Russia Business Council.	27.9.2014


	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Minħabba r-rwol prominenti tiegħu u l-bażi tal-assi sostanzjali li għandu, huwa għadu negozjant influwenti qrib l-eks reġim ta' al-Assad.</p> <p>Samir Hassan huwa assoċjat ma' persuni li jibbenefikaw mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġawh. B'mod partikolari, huwa assoċjat ma' Rami Makhlof u Issam Anbouba, li ġew deżinjati mill-Kunsill u jibbenefikaw mill-eks reġim ta' al-Assad.</p>	
51	Issam (عصام) ANBOUBA (أنبوبا)	Data tat-twelid: 18.3.1952; Post tat-twelid: Homs, Syria; Sess: raġel	Negozjant ewlieni attiv f'setturi differenti tal-ekonomija Sirjana, bħall-agrikoltura, il-proprjeta immobbli, iż-żejt u s-settur bankarju. Huwa jkompli japprofitta mill-imperu tan-negozju li seta' jistabilixxi minħabba r-relazzjoni mill-qrib tiegħu mal-eks reġim ta' al-Assad, permezz tal-kumpaniji offshore tiegħu fil-Libanu. Huwa għandu relazzjonijiet finanzjarji mal-elit tan-negozjanti fis-Sirja u l-oġhla membri tal-eks reġim ta' al-Assad, fost l-oħrajn permezz tar-rwoli tiegħu f'"Siloserv" u bħala kofundatur ta' Cham Holding.	2.9.2011
234.	Duraïd DURGHAM	Data tat-twelid: 27.12.1964; Sess: raġel	Eks Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja. Kien responsabbli għall-appoġġ ekonomiku u finanzjarju li ta lill-eks reġim ta' al-Assad permezz tal-funzjonijiet tiegħu bħala l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
287.	Hussam AL QATARJI (magħruf ukoll bħala Hussam/Hossam Ahmed/Mohammed/Muhammad al-Katerji) (حسام القطرجي)	Data tat-twelid: 1.1.1982; Post tat-twelid: Raqqa, Syria; Ċittadinanza: Sirjana; Kariga: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Katerji Group (magħruf ukoll bħala Al Qatarji, Al Qatarji Company / Qatirji Company / Khatirji Group/Katerji International Group); Sess: raġel	Hussam Al Qatarji huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja marbut mal-eks reġim ta' al-Assad, li jappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad u jibbenefika minnu billi jiffaċilita u japprofitta minn ftehimiet kummerċjali mal-eks reġim ta' al-Assad b'rabta maż-żejt u l-qamħ. Hussam Al Qatarji, flimkien mal-familja tiegħu, kiseb liċenzja biex joħloq bank ġdid, in-National Islamic Bank. Huma akkwistaw ukoll impjant tas-siment ġdid mingħand il-gvern, permezz ta' waħda mill-kumpaniji tagħhom, Nabd Contracting and Construction. Espandew ukoll fis-settur tat-turiżmu u ħolqu Arman Hotel and Tourist Management LLC. Daħlu wkoll f'impriża konġunta mal-Ministeru għat-Turiżmu, "Bere Aleppo Private JSC". Hussam Al Qatarji u familtu jmexxu wkoll milizzja f'Aleppo. F'Ottubru 2021 BS Company for Oil Services, li tappartjeni lil Al Qatarji, iffirmit ftehim mal-eks reġim ta' al-Assad biex tforni l-fjuwil lill-pompi fiż-żoni taħt il-kontroll tal-eks reġim ta' al-Assad.	21.1.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
291.	Amer FOZ (magħruf ukoll bħala Amer Zuhair Fawz) (عامر فوز)	<p>Data tat-twelid: 11.3.1976;</p> <p>Post tat-twelid: Homs, Syria;</p> <p>Ċittadinanza: Sirjana; Saint Kitts u Nevis;</p> <p>Nru Nazzjonali: 06010274747;</p> <p>Nru tal-Passaport: 002-14-L169340</p> <p>Karta ta' residenza tal-Emirati Għarab Magħquda: 784-1976-7135283-5</p> <p>Kariga: Fundatur ta' District 6 Company; Sieħeb fundatur ta' Easy life Company;</p> <p>Qraba / soċji kummerċjali / entitajiet jew sħab / konnessjonijiet: Samer Foz; Viċi President ta' Asas Steel Company; Aman Holding;</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Negozjant ewlieni b'rabtiet mal-eks reġim ta' al-Assad u b'interessi u attivitajiet kummerċjali personali u tal-familja f'diversi setturi tal-ekonomija Sirjana. Jibbenefika finanzjarjament mill-aċċess għal opportunitajiet kummerċjali u jappoġġa r-reġim ta' al-Assad.</p> <p>Huwa assoċjat ukoll ma' hih Samer Foz, li ilu ddeżinjat mill-Kunsill minn Jannar 2019 bħala negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja u li jappoġġa jew jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad.</p> <p>Flimkien ma' hih, huwa involut fl-akkwist ta' proprjetajiet lussużi f'Dubai. Barra minn hekk, huwa sieħeb fil-kumpanija "Solid 1 Offshore" f'Dubai, li hija proprjetà ta' hih Samer Foz.</p> <p>Għalhekk huwa assoċjat ma' hih Samer Foz fil-kuntast ta' interessi kummerċjali komuni.</p>	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
295.	Adel Anwar AL-OLABI (magħruf ukoll bħala Adel Anouar el-Oulabi, Adil Anwar al-Olabi) (عادل أنور العلابي)	Data tat-twelid: 10.1.1976; Ċittadinanza: Sirjana; Kariga: President ta' Damascus Cham Holding Company (DCHC); l-eks Gvernatur ta' Damasku; Sess: raġel	Negozjant ewlieni li jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah. President ta' Damascus Cham Holding Company (DCHC), il-fergħa tal-investiment tal-Provinċja ta' Damasku li timmaniġġa l-proprjetajiet tal-Provinċja ta' Damasku u li timplimenta l-proġett ta' Marota City. Bħala l-eks Gvernatur ta' Damasku u l-President ta' DCHC, huwa responsabbli għal sforzi biex jiġu implimentati l-politiki tal-eks reġim ta' al-Assad ta' żvilupp fart esproprjata f'Damasku (fosthom id-Digriet Nru 66 u l-Liġi Nru 10), l-aktar permezz tal-proġett ta' Marota City, u b'hekk jappoġġa l-eks reġim.	17.2.2020

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
342.	Samer AL-DIBIS سامر الدبیس (magħruf ukoll bħala Samer AL-DIBS, Samir)	Data tat-twelid: 30.3.1962; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Ċittadinanza: Sirjana; Indirizz: Naher Street, Rawda, Damascus, Syria; Sess: raġel	Samer al-Dibis huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja marbut mal-eks reġim ta' al-Assad, attiv f'diversi setturi tal-ekonomija, speċjalment fl-industrija tal-kimika u fil-proprjetà immobbli. Huwa eks membru tal-Bord tad-Diretturi tas-Syrian-Chinese Business Council u l-eks president tal-Kamra tal-Industrija ta' Damasku u taż-Żona Rurali ta' Damasku. Huwa wkoll eks membru tal-Parlament u assoċjat mill-qrib ta' Maher al-Assad. F'dawn il-funzjonijiet Samer al-Dibis jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah.	24.4.2023
350.	Osama RAMADAN magħruf ukoll bħala Usama أسامة رمضان	Data tat-twelid: 19.12.1973; Ċittadinanza: Sirjana; Indirizz: Damascus, Mazze, Western Villas, Saraya 36 Building, 3rd Floor; Soċju tan-Negozju: Ahmad Ali Taher;	Osama Ramadan għandu ishma f'Castle Security and Protection LLC, li topera bħala kumpanija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija mill-Maher al-Assad. Għalhekk huwa jappoġġa l-eks reġim ta' al-Assad. Huwa assoċjat ukoll ma' Maher al-Assad.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
		Entitajiet assoċjati: Castle Security and Protection LLC; Informazzjoni oħra ta' identifikazzjoni: Missier: Hassan Ramadan; Sess: raġel		
355.	Bilal al-Naal (magħruf ukoll bħala al-Na'al)	Data tat-twelid: 14.4.1975; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Ċittadinanza: Sirjana; Sess: raġel	Bilal al-Naal huwa fundatur u sieħeb ta' diversi kumpaniji kummerċjali u ta' investiment fis-Sirja. Matul il-gwerra ċivili tas-Sirja huwa pprova appoġġ finanzjarju lill-milizzja ta' Shabiha. Huwa membru tas-Syrian-Russian Business Council u huwa għalhekk strumentali fir-rabtiet ekonomiċi bejn ir-Russja u l-eks reġim ta' al-Assad. Al-Naal huwa wkoll eks membru tal-Parlament Sirjan u eks membru tal-kunsill tal-provinċja ta' Damasku. Għalhekk, Bilal al-Naal huwa negozjant ewlieni fis-Sirja, li qed jappoġġa u jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad kif ukoll mill-milizzja tiegħu. Huwa assoċjat ukoll ma' Fadi Saqr, Cham Holding u Bishr al-Sabban.	22.1.2024

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
358.	Firas al-Akhras	Data tat-twelid: 1.3.1978; Post tat-twelid: London, United Kingdom; Ċittadinanza: Sirjana; Sess: raġel	Firas al-Akhras huwa hu Asma al-Assad. Huwa koproprietarju tat-Takamol LLC, kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tal-programm elettroniku tal-ismart cards użat sa mill-2014 biex jitqassmu ikel sussidjat u prodotti oħra fis-Sirja taħt il-kappa tal-Ministeru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. B'mod partikolari, it-Takamol LLC taqla' ħlas għal kull tranżazzjoni li ssir permezz tal-ismart card. Għalhekk, Firas al-Akhras qed jibbenefika mill-eks reġim ta' al-Assad u jappoġġah. Huwa assoċjat ukoll ma' membru tal-familja al-Assad.	22.1.2024”;

(ii) fit-taqsimha "B. Entitajiet", jitħassru l-entrati li ġejjin:

5. Direttorat tal-Politika ta' Sigurtà;
6. Direttorat tal-Intelligence Ġenerali;
7. Direttorat tal-Intelligence Militari;
8. Aġenzija tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru;
42. Ministeru għad-Difiża;
43. Ministeru għall-Intern;
60. Higher Institute for Applied Sciences and Technology.

PUBLIC